MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2010

Numru. 47/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Ivan Cilia]**
**[Spettur Priscilla Caruana]**

**vs**

**Alfred Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Alfred Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 410540(M).

Akkuzat talli f'Ottubru 2009, u fix-xhur u snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda:
1. Ikkorrompa lill-ufficjal jew impjegat pubbliku, u rrenda ruhu komplici mal-istess ufficjal jew impjegat pubbliku, filli fil-kapacita` tieghu bhala ufficjal pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva

jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jedd;

2. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex iggieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor; u

3. U aktar talli fil-5 ta’ Ottubru 2009, ghall-habta tat-08:30hrs gewwa l-*parking area* tal-E.T.C. ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skont il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontro l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali u l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Ikkunsidrat illi dan huwa kaz ta’ allegat tixhim ta’ ufficjal pubbliku sancit mill-Artikolu 115 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-kaz inbeda meta l-ufficjal pubbliku, u cioe` Tony Schembri, li huwa impjegat gholi tal-*Employment Training Corporation*, ghamel rapport kontra l-imputat talli f’Ottubru 2009 huwa kien gie mhedded mill-istess imputat u talli huwa kien offrielu xi flus sabiex jinhargulu xi permessi relatati ma’ xi persuni ta’ nazzjonalita` Ciniza.

Illi fl-istqarrija tieghu l-imputat ammetta li kien ghadda xi flus lil Tony Schembri u dan fl-ammont ta’ LM1,000

f’diversi pagamenti izda huwa xorta wahda wiegeb mhux hati meta l-Qorti ghamlitlu l-ezami fl-ewwel udjenza.

Illi sussegwentement u kwazi fl-ahhar tal-gheluq tal-provi, it-tezi tal-imputat kienet, permezz tax-xhieda tieghu bil-gurament; illi meta ra li Tony Schembri ghamillu rapport mal-pulizija. huwa ried ipattihielu u ghalhekk huwa gideb meta ta l-istqarrija tieghu u qal illi huwa kien ta xi flus lil Tony Schembri.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti jkollha tifli bir-reqqa l-provi li ingabu biex b’hekk tasal ghall-konkluzjoni taghha in vista tax-xhieda tal-imputat.

Illi hareg mill-provi illi l-imputat kellu b’kollox sittax-il applikazzjoni ghall-permessi ta’ xoghol ta’ barranin, li tmienja minnhom gew rifjutati izda li dawn gew accettati fi stadju ta’ “*reconsideration*” u tlieta ohra gew kompletament u finalment michuda. Illi dan gie konfermat mix-xhieda tas-CEO Maryanne Vella. Hija xehdet ukoll illi l-applikazzjonijiet kienu jghaddu fl-ewwel stadju ghand Tony Schembri u jekk dawn ma jigux milqugha, kien hemm bord ta’ rikonsiderazzjoni li kien jirrevedi ir-rifjuti. Tony Schembri ma kienx membru ta’ dan il-Bord izda huwa kien jaghti informazzjoni fuq il-fatti tal-kaz lill-membri bhal ma qal fix-xhieda tieghu William Spiteri li kien membru ta’ dan il-Bord waqt li kien hemm l-applikazzjonijiet tal-imputat pendenti. Illi William Spiteri xehed ukoll illi ma kien hemm xejn irregolari f’dawn l-applikazzjonijiet ta’ Attard u l-anqas li Tony Schembri ipprova jaghmel xi tip ta’ pressjoni fuqu sabiex certu applikazzjoni tigi milqugha.

Illi fil-proceduri xehed ukoll Joseph Zammit li dakinhar tal-allegat incident bejn l-imputat u Tony Schembri fil-*car park* tal-ETC kien mal-imputat fil-karrozza u huwa xehed illi ma kien sema’ l-ebda kliem ta’ theddid min-naha tal-imputat u dan ghaliex l-anqas biss kwazi ma tkellmu peress li Tony Schembri kien mghaggel sabiex jippancja.

Illi mbaghad hemm ix-xhieda ta’ PS 853 Frankie Sciberras li irceva r-rapport li kien ghamel Tony Schembri u qal illi

meta gie l-ghassa Schembri huwa kien qallu li kien gie mhedded minn persuna li kienet mal-imputat u li l-istess imputat kien qallu illi huwa kien irceva fil-passat xi flus minghand haddiehor u hariglu l-permessi u li l-imputat ma harigomlux ghaliex ma kien tah l-ebda flus. Illi jirrizulta mix-xhieda ta’ PS 853 u anke mir-rapport ipprezentat in atti li jinsab a fol. 56, li fl-ebda stadju Tony Schembri ma qal illi huwa kien ircieva xi flus minghand Alfred Attard. Illi dan il-fatt hareg biss wara l-istqarrija tal-istess omputat. Ir-rapport ta’ Schembri kien fis-sens illi huwa gie mhedded u li gi malafamat.

Illi pero` sussegwentement il-fatti fl-istqarrija gew mibdula mill-imputat permezz tax-xhieda tieghu a fol. 81 illi huwa kkonferma li qal dak kollu biex ipattiha lil Schembri ghaliex kien ghamillu rapport.

Illi l-Qrati taghna kellhom f’diversi okkazzjonijiet ic-cans li jezaminaw dan l-Artikolu 115 tal-Kap. 9. Illi gie stabbilit mill-kawza fl-ismijiet ***Pulizija v. Alfred Demicoli (Q. App deciza 2 ta’ Mejju 1985)*** illi dan ir-reat ta’ korruzzjoni ghandu erba’ elementi bazici li huma:

a) In-natura ufficjali jew pubblika tal-impjieg tal-ufficjali pubbliku;

b) li l –ufficjal jircievi jew jaccetta flus, jew xi rigal jew weghda jew offerta u dawn ma jkunux dovuti skont il-ligi;

c) li dan ikun car in konnessjoni mal-istess kariga jew impjieg u;

d) li l-iskop ikun li l-ufficjal jaghmel jew ma jaghmilx id-dmir tieghu.

Illi jidher car mill-assjem tal-provi illi specjalment it-tieni rekwizit ma giex ippruvat mill-Prosekuzzjoni li l-unika prova li gabu in sostenn ma’ dan, kienet l-istess stqarrija tal-imputat li wara giet mibdula kompletament fix-xhieda tieghu hekk kif diga` intqal aktar’il fuq. Illi anke r-rapport li ghamel Tony Schembri ma kienx jikkontjeni

allegazzjonijiet f'dan is-sens u ghaldaqstant din il-Qorti thoss illi m'ghandhiex issib htija a bazi ta' dan l-Artikolu.

Illi a rigward l-akkuza ta' theddid u ingurji, l-unika prova ta' dan kien ir-rapport maghmul minn Tony Schembri li ma giex ikkonfermat minnu bil-gurament peress illi huwa ghazel li ma jixhidx biex ma jinkriminax ruhu u ma hemm l-ebda prova ohra in sostenn ta' din il-verzjoni. Fil-fatt mix-xhieda ta' Joseph Zammit johrog kuntrarjament illi huwa u l-imputat l-anqas kwazi kellmuh dakinhar lil Schembri peress li huwa kien mghaggel sabiex jippancja.

Illi ghal dawn il-motivi:

Wara li rat l-Artikoli 115 u 121 (A) u 95 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma ssibx lill-imputat Alfred Attard hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih stante li kif inghad hawn fuq ma gewx ippruvati u tilliberah minnhom.

Tordna li kopja ta' l-istqarrija ta' l-imputat u tad-depozizzjoni tieghu jintbaghtu lill-Kumm tal-Pul ghal kull azzjoni li jidhirlu opportun fic-cirkostanzi u dan a bazi tax-xhieda tal-imputat Alfred Attard quddiem din il-Qorti datata 10 ta' April 2010 (a fol. 81 tal-process).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------